# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


## Seduta numru 6 tas-7 Leġislatura
## Illum il-Ħamis 1 ta' Awwissu 2013
## (li tkompliet il-Ġimgħa 13 ta' Awwissu 2013)

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 6 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu 2013 fl-4:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ ta' l-offerti u kwotazzjonijiet
5. Permessi tal-Gabbani tal-Festa – l-aħħar żvilluppi
6. Attivitajiet tas-Sajf
7. Affarijiet Mixxelanji
8. 

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Għall-ewwel parti tas-Seduta kienet preżenti ukoll is-Sa. Natasha Cassar, Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 dwar punt 1.4 : id-data għall-din il-mawra ġie postposta peress li fid-dati magħżula hemm tieġ li għalih mistednin għadd ta' Kunsilliera u nies li kienu interessati jattendu. Ġew magħżula dati oħra: 14-15 ta' Settembru. Mario Sammut ser ikun qed iħejji programm.

1.3 dwar punt 3 : Elizabeth Ebejer staspeit jekk ġiex ordnat il-bank ta' ġdejn il-Knisja. Paul Vella wieġeb li dan kien ser isir wara l-festa.

1.4 dwar punt 6.3 : Elizabeth Ebejer għamlet mistoqsija dwar kif intgħażlu Leaders għall-programm tal-Youth Exchange għall-Portugal. Mario Sammut informa li dawn jintgħażlu mill-Kumitat taż-Żgħażagħ u li qatt ma jkun hemm applikazjonijiet għal-Leaders. Sammut informa wkoll li l-applikazzjonijiet għall-dan il-programm kienu għalqu u li kien ser jibda' l-proċess tal-interviews għall-għażla tal-parteċipanti.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza mingħand Heritage Malta dwar bilboards informattivi fiż-Żebbiegħ;

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra mingħand Sa. Natasha Cassar (Uffiċjal Eżekuttiv) li kien għadu kemm irċieva dak in-nhar tas-seduta stess. Fiha is-Sa. Cassar reġgħet ressqet it-talba tagħha biex tingħata il-kariga ta' Uffiċċjal fi' Skala 11. Is-Segretarju Eżekkuttiv semma' li peress li fl-ittra kien hemm allegazzjonijiet li ma kienx qed jaqbel magħhom, kien qed jesiġi li kull informazzjoni u korrispondenza dwar dan il-każ kellha tingħatalu bil-miktub. Is-Sindku sejjaħ laqgħa informali għas-6 t' Awwissu biex il-Kunsill jiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ u jinforma bl-eżitu lis-Segretarju Eżekuttiv.

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq Memo 17/2013 għall-attenzjoni tal-Kunsill. Din tinkorpora skema dwar fondi għall-apparat tal-iStreaming tal-Laqgħat tal-Kunsill. Tresqet Mozzjoni 4/2013 li tipproponi li l-Kunsill japplika għal dan l-inċentiv. Il-mozzjon ġiet approvata unanimament.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kien hemm bżonn ta' xogħlijiet fuq bozzoz tat-toroq hek kkif ġej:

- Triq il-Kbira : titneħħa bozza ma' dar St Joseph u titwaħħal fuq arblu;
- Triq il-Ganfra : bozza tinbidlilha postha.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Allowance tal-Kunsilliera kienet ġiet mgħoddija lilhom (bit-tnaqqis ta 20% taxxa). Elizabeth Ebejer informat li kellha problemi u li kienet għada ma rċevietx din l-allowance. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jara u jagħmel l-arranġamenti neċċessarji.

3.3 Is-Sindku ressaq suġġeriment ta' proposta ta' tkabbir tal-playing areas fi' Skorba u fi' Ġnien l-Alwiża. Il-Kunsill qabel li din il-possibilta' tiġi esplorata.

**4. Ftuħ ta' l-offerti u kwotazzjonijiet**

4.1 Il-Kunsill għadda biex fetaħ l-offerti li kien irċieva bħala risposta għat-talba ta' kwotazjonijiet u li kienet għalqet dak in-nhar stess.

4.2 Is-sejħa kienet tinkludi dawn, u li għall-kull waħda kien hemm ir-risposta hekk kif indikat:

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K2** – Lap-top kompjuter għall-użu amministrattiv tal-Kunsill Lokali
  Il-Kunsill irċieva għadd ta' kwotazzjonijiet mingħand kumpaniji differenti u għall-mudelli differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser ikun qiegħed jagħmel analiżi tagħhom.

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K3** – Żewġ Fridges separati għall-użu ġenerali tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali
  **Il**-Kunsill ma rċieva l-ebda' offerta.

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K4** – Unit ta' l-arja kkundizzjonata għall-użu tal-Uffiċċju amminstrattiv tal-Kunsill Lokali
  Dwar Wall-Mounted AC, Il-Kunsill irċieva żewġ offerti: Solar Enġineering ta' €785 u Dimbros Ltd b' €600 (14BTU) u €800 (18BTU).

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


- **Kwotazzjoni MGR 2013/K5** – Unit ta' l-arja kkundizzjonata li jeħel mas-saqaf għall-użu tal-Uffiċċju Amministrattiv
  **Il**-Kunsill irċieva żewġ offerti għas-Ceiling Fan : CPI Ltd €1668, u Solar Engineering Ltd b 'żewġ mudelli, wieħed €1100 u l-ieħor €1350.

  Il-Kunsill qabel li jsejjaħ lil Solar Enġineering biex jiġu fuq il-post u jaraw il-bżonn, speċjalment peress li il-unit li diġa' teżisti kienet twaħħlet min CPI Ltd.

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K6** – Servizz ta' manteniment u tiswija fil-pjaying fields tal-Imġarr
  **Il**-Kunsill ma rċieva l-ebda' offerta, għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm 3 entitajiet li kienu interessati u talbu l-informazzjoni. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jikkuntatja lill-dawn it-3 kumpaniji u jitlobhom jekk għadhomx interessati.

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K7** – Servizz ta' Assikurazzjoni tal-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali
  **Il**-Kunsill irċieva 3 offerti: Allcare Insurance €1540.00, Island Insurance Brokers €1336.50 u KDM €3285.57. Il-Kunsill qabel li, wara li jkellem lill-Avukat tal-Kunsill, jiltaqa' ma Island Insurance Brokers li kienu qed joffru l-aktar offerta vantaġġjuża.

## 5. Permessi tal-Gabbani tal-Festa – l-aħħar żvilluppi

5.1 Is-Sindku informa li, wara li s-Segretarju Eżekuttiv kien bgħat lis-sidien tal-permessi tal-gabanni tal-festa sabiex jiġu għall-permess, il-Kunsill irċieva Mandat ta' Inibizzjoni (b' Paul Vella u Cyprian Dalli intimati) imressaq mingħand is-sidien Emanuel Cutajar, Mario Agius, Emanuel Bezzina u Joseph Bezzina. Dan il-mandat kien issemmi li kienet saret inġustizzja magħhom u għaldaqstant talbu lill-qorti sabiex twaqqaf il-ħruġ tal-permessi.

5.2 Fuq parir legali ta' Dr Raphael Fenech Adami, il-Kunsill ressaq it-tweġiba tiegħu minnufih lill-Qorti. Il-Kawza instemgħet it-Tnejn 29 ta' Lulju 2013 quddiem l-Imħallef Giannino Caruana Demajo. Wara li L-Imħallef sema' il-każ u x-xhieda tal-Avukat Fenech Adami u tas-Segretarju Eżekuttiv, il-mandat ġie revokat.

5.3 Għaldaqstant il-Kunsill reġa' informa lis-siedien sabiex jibdew jiġbru l-permessi neċċessarji.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


**6. Attivitajiet għas-sajf**

6.1 It-tournament tal-volleyball tal-Ġnejna għandu jsir lejn l-aħħar ta' Awwissu jew il-bidu ta' Settembru.

**16. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Is-Sindku ppropona li ssir Laqgħa ta' Konsultazzjoni idwar il-Local Plan tal-MEPA 'f Settembru. Mario Sammut ser ikun qed jieħu ħsieb. Il-Kunsill approva.

7.2 Is-Sindku informa li issa li l-ismijiet tat-toroq ġew approvati, kien qed jipproponi li jiġu ordnati sett ta' ismijiet għall-dawn it-toroq. Il-Kunsill approva.

7.3 Is-Sindku informa li kienu inxtraw 8 bnadar tal-lokalita' mingħand Gauci Borda biex jingħataw lill-familjari waqt il-funerali tal-persuni li jkunu ħadu Ġieħ l-Imġarr.

7.4 Elizabeth Ebejer informat li kien hemm bżonn li l-bankina fi' Triq Fisher (quddiem il-ħanut Il-Qiegħa) titnaddaf u jsiru bankijiet 'multisits'.

7.5 Clayton Gauci informa li kien tkellem mas-Segretarju Parlamentari dwar it-tindif tal-Wied tal-Ġnejna. Informa wkoll li ix-xogħol fuq il-ħajt kien inbeda' u kien ippjanat li ser jitkompla aktar 'il fuq ukoll.

7.6 Elizabeth Ebejer informat li kienet ser titkellem mal-awtoritajiet konċernati dwar il-ġnien tal-Housing Estate.

7.7 Elizabeth Ebejer informat li kien hemm bżonn ta' bankijiet ħdejn il-bar tal-ground tal-football.

7.8 Is-Sindku semma' li kien hemm bżonn ta' 2 rampi tal-ħadid biex itellgħu affarijiet fuq il-bankina fejn is-salib ta' taħt il-Knisja. Kien ser jaħdimhom Frans Galea.

7.9 Ġie diskuss l-abbozz ta' ftehim imressaq dwar is-sit 'Ta' L-Għasfura' u l-proġett li hemm maħsub għall dan il-post : proġett li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel mal-Institue of Earth Sciences tal-Universita' ta' Malta u l-HSBC (Malta) Foundation. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-ftehim u ser ikun qed jieħu l-passi biex dan jiġi maqbul bejn l-istakeholders kollha u jgħaddi għall-fażi tal-implimentazzjoni.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8 :30 pm, u u peress li ma kienetx ġiet esawrita, kienet ser titkompla fit-13 ta' Awwissu.

**TKOMPLIJA – 13 t' Awwissu 2013**

**B1. Kwotazzjonijiet Playing Fields**

Is-Segretarju Eżekuttiv inofrma li kien informa lit-3 kumpaniji interessati u dawk kollha bgħatu il-kwotazzjonijiet tagħhom :

M.Quip Co. Ltd. €2313 għall-Ġnien l-Alwiża u €1340.50 għall-Ġnien Skorba ;
JGC Ltd. €7176.90 għall-Ġnien l-Alwiża u €3920 għall-Ġnien Skorba ;
Joseph Bonello €1100 Ġnien Skorba filwaqt li ma jistax jagħmel ix-xogħol fi' Ġnien l-Alwiża.

Għalhekk, il-Kunsill qabel unanimanent li jaċċetta l-offerta ta' M.Quip Co. Ltd. Peress li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

**B2. Kwotazzjonijiet Laptop**

Is-Segretarju ressaq analizi ta' xi prezzijiet skond l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Peress li xi mudelli kienu out of stock, u peress li instabb li l-istess mudelli kienu immarkati bl-aħjar prezz mingħand Klikk, u peress li l-ispeċifikazzjonijiet mitluba kienu l-aktar l-eqreb lejn mudelli ta' Acer, il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv immur fuq il-post biex jara u jiddeċiedi.

**B3. Ittra lill-Kooperativa tal-Bdiewa**

Il-Kunsill qabel li, fuq diversi ilmenti mis-Civil Protection Department u l-Pulizija, kif ukoll diversi ilmenti mingħand residenti, kellha tintbgħat korrispondenza lill-Kooperativa tal-Bdiewa sabiex il-membri jitħeġġu ma jaħarqux faxxina speċjalment bil-lejl.

**B4. Vakanza ta' Post fi' Skala ta' Uffiċċjal Eżekuttiv (Skala 11)**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat li matul il-laqgħa informali tas-6 ta' Awwissu, il-Kunsilliera qablu li tinħareġ sejħa għall-Vakanza ta' Uffi ċċjal fi' Skala 11. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u informa li kien ser jikkuntatja lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinforma u jara x' passi hemm bżonn jittieħdu.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Aġġornament**

Is-Seduta ġiet aġġornata għat-Tlieta, 3 ta' Settembru 2013.

| | |
|---|---|
| ***Cyprian Dalli*** | ***Paul Vella*** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |